MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 78/2013/1

**Lawrence Grech u martu Susan Grech u wliedhom Alison Grech,**

**Brenda Lee Grech u Jacob Grech**

**v.**

**Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika), Kummissarju tal-Pulizija, Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**

**u l-Avukat Ġenerali**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fil-15 ta' April, 2014 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li biha l-qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati dwar il-leġittimazzjoni attiva tar-rikorrenti Susan Grech, Alson Grech, Brenda Lee Grech u Jacob Grech bl-ispejjeż kontra l-intimati u laqgħet l-eċċezjonijiet preliminari tal-intimati dwar in-nuqqas ta' teħid tar-rimedji ordinarji min-naħa tar-rikorrenti u konsegwentement għażlet li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt l-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostutuzzjoni"] u l-Art. 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"] billi kienet tal-fehma illi l-atturi kellhom rimedji biżżejjed taħt il-liġi ordinarja.

**Is-sentenza appellata dwar il-legittimità attiva ta' wħud mir-rikorrenti**

2. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati dwar il-leġittimità attiva tar-rikorrenti Susan Grech, Alson Grech, Brenda Lee Grech u Jacob Grech ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> "Illi, bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li r-rikorrent Lawrence Grech twieled f'Marzu tal-1957. Sa minn Novembru tal-1976

daħal jaħdem it-Tarzna ta' Malta, wara sentejn apprendistat[1], bħala "*labourer*" u, wara l-bdil li sar fl-2003, kien jaħdem ma' Malta Shipyards Limited bħala "*pattern maker*". L-impieg tiegħu ntemm f'Settembru tal-2008[2], meta l-azjenda għalqet. Wara li għamel ftit anqas minn xahrejn impjegat ma' ditta privata, fl-1 ta' Lulju, 2009, ir-rikorrent sar persuna li tħaddem lilha nnifisha;

"Illi r-rikorrent huwa miżżewweġ lir-rikorrenti Susan Grech u għandhom tliet ulied ħajjin, it-tliet rikorrenti l-oħrajn, li huma lkoll maġġorenni;

"Illi fil-bidu tal-2013, wara li għal xi żmien intebaħ u jilmenta minn qtugħ ta' nifs u wġigħ bejn il-kustilji, ddaħħal l-isptar għal osservazzjoni u, wara li saru l-interventi u l-aċċertamenti meħtieġa, ħareġ li kien milqut minn "*mesothelioma*"[3];

"Illi fis-7 ta' Ottubru, 2013, r-rikorrenti fetħu din il-kawża;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet legali marbutin maż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari</u> taħt eżami, l-Qorti tibda biex tgħid li dawn kienu jitolbu stħarriġ u deċiżjoni dwarhom qabel is-sentenza tal-aħħar. Huma żewġ eċċezzjonijiet li huma perentorji tal-ġudizzju, jekk kemm-il darba jintwera li huma mistħoqqa;

"Illi dwar l-**eċċezzjoni preliminari li wħud mir-rikorrenti mhumiex attivament leġittimati** jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni;

"Illi l-artikolu 780 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li "*L-eċċezzjoni dwar l-illeġittimita' ta' l-attur jew tal-konvenut tista' tingħata, meta l-wieħed jew l-ieħor huwa inkapaċi skond il-liġi li joqgħod f'kawża, inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor, mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi għaldaqshekk*". Il-liġi tgħid[4] li

[1] Ara affidavit tiegħu Dok "AFF2", f'paġ. 34 tal-proċess
[2] Ara Dok "C1", f'paġ. 19 tal-proċess
[3] Ara Dok "RM1", f'paġġ. 6 – 10 tal-proċess
[4] Art. 730 tal-Kap 12

sentenza dwar eċċezzjoni bħal din, meta titqajjem, trid tingħata b'kap għaliha, ukoll jekk tingħata mas-sentenza tal-aħħar;

"Illi min-naħa tiegħu, l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni jgħid li "*Il-Qorti tista' tirċievi applikazzjonijiet minn għand kwalunkwe persuna, organiżżazzjoni non-governattiva jew grupp ta' individwi li jsostnu li huma vittmi ta' ksur minn naħa ta' wieħed mill-Partijiet Għolja Kontraenti tad-drittijiet kif msemmija fil-Konvenzjoni jew fil-Protokolli tagħha. Il-Partijiet Għolja Kontraenti jimpenjaw ruħhom li ma jfixklux bl-ebda mod l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt*";

"Illi jrid jingħad mill-bidu li l-eċċezzjoni mqajma mill-intimati ma tolqotx lir-rikorrenti kollha: tolqot lil mart u wlied ir-rikorrent Lawrence Grech;

"Illi l-intimati jgħidu li biex xiħadd jista' jressaq azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali kif imħares taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni, irid juri li huwa ġarrab jew sejjer iġarrab dak il-ksur. Huma jgħidu li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ li l-Qorti għandha quddiemha, dan jista' jkun il-każ fir-rigward tar-rikorrent Lawrence Grech, imma ma jistax ikun fir-rigward tar-rikorrenti l-oħrajn, martu u wliedu. Huma jsejsu din is-sottomissjoni tagħhom kemm fuq il-fatt li azzjoni bħal din teħtieġ l-interess tal-parti li tressaqha[5] u kif ukoll fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg (u l-Linji-Gwida maħruġa minn dik il-Qorti dwar l-Ammissibilta' tat-Talbiet)[6] dwar dan l-element essenzjali biex titressaq u titmexxa 'l quddiem azzjoni bħal din. Huma jaslu biex jagħrfu li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn persuna tista' tressaq 'il quddiem u tmexxi kawża bħala l-"vittma indiretta" tal-ksur, iżda dawn iċ-ċirkostanzi huma eċċezzjonali li jinħalqu bil-mewt tal-vittma diretta, l-assenza, jew xi impediment fiżiku jew legali tagħha, u ma jagħmlux ir-regola;

"Illi, b'mod konkret, l-intimati jgħidu li (i) l-ebda wieħed mill-ħames rikorrenti, ħlief ir-rikorrent Lawrence Grech, ma ġarrab il-marda qerrieda li l-imsemmi Lawrence Grech jgħid li laqqat mix-xogħol tiegħu fit-Tarzna, u dan għaliex (ii) l-ebda wieħed u waħda minnhom ma kienu jaħdmu t-Tarzna, (iii) u ħadd minnhom ma kien espost għall-kuntatt mal-*asbestos*. Fuq kollox, (iv) ħajjet l-ebda wieħed u waħda mir-rikorrenti ma tqiegħdet f'perikolu minħabba xi egħmil jew nuqqas ta' egħmil ta' xiħadd mill-intimati. Iżidu jgħidu li, (v) ladarba l-vittma diretta – r-rikorrent Lawrence Grech – fil-fatt fetaħ din il-kawża personalment u għadu f'qagħda li jmexxiha 'l quddiem, jonqos fir-rikorrenti martu u wliedu l-element ta' "vittmi indiretti" kif imfisser qabel. Fuq kollox, l-Awtorita' intimata ttemm tgħid li biex persuna tista' titqies li kienet vittma diretta ta' ksur ta' xi jedd fundamentali, jeħtiġilha turi effett dirett fuq il-persuna jew fuq il-ġid tagħha b'riżultat tal-egħmil (jew omissjoni) li jissarrfu fi ksur ta' jedd bħal dak[7];

[5] Artt 46(1) Kost u 4(1) Kap 319
[6] Practical Guide on Admissibility Criteria (Council of Europe, March 2011) §§ 22 sa 33
[7] Q.E.D.B. **25.6.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Amuur vs Franza*** (Applik.Nru. 19776/92) § 36

"Illi, min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti jwarrbu l-argumenti mressqa mill-intimati. Fl-ewwel lok, jisħqu li l-ispirtu tal-artikolu 34 tal-konvenzjoni huwa dak li l-ebda awtorita' pubblika li tirrappreżenta l-Istat Malti ma għandha xxekkel il-jedd effettiv ta' persuna li tirrikorri għar-rimedju tal-Konvenzjoni (u l-organi kompetenti tagħha) f'każ li ġġarrab ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet imħarsin fl-istess Konvenzjoni. Fit-tieni lok, jgħidu li l-interess ġuridiku tagħhom u l-leġittimazzjoni attiva meħtieġa biex jistgħu jressqu t-talbiet li ressqu fir-rikors promotur, joħorġu "mill-aspett tar-rapport familjari strett li huma għandhom ma' (r-rikorrent) Lawrence Grech". Hija l-fehma tagħhom li eċċezzjoni bħal din taħt eżami titressaq biss meta bejn il-vittma u min imexxi l-azzjoni jkun hemm biss rabtiet "ambigwi u mhux meta l-applikanti kollha huma membri nuklejari ta' familja tradizzjonali". Fit-tielet lok, jgħidu li, minħabba dak li ġarrab ir-rikorrent Lawrence Grech, kull wieħed u waħda mill-membri tal-familja ntlaqtu direttament billi qegħdin direttament ibatu finanzjarjament minħabba li l-imsemmi rikorrent kellu jieqaf mix-xogħol minħabba l-qagħda mwiegħra ta' saħħtu u l-marda li ħakmitu;

"Illi r-rikorrenti jissoktaw jgħidu li, wkoll jekk fl-agħar ipoteżi, ma jistgħux jitqiesu bħala vittmi diretti tal-ksur ta' jeddijiet imġarrba minn Lawrence Grech, żgur li jistgħu jitqiesu bħala vittmi indiretti. Dan jgħiduh b'riferenza partikolari għall-ilmenti tagħhom taħt l-artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni. Huma jgħidu li "vittma indiretta" għandha rappreżentanza tagħha nnifisha bi dritt għaliex ma hemm xejn taħt il-Konvenzjoni li jżomm persuna li tressaq ilment "minħabba li persuna oħra li magħha jkollha legam qawwi tkun suġġetta għal vjolazzjoni, mingħajr ma jkun hu stess ġie direttament soġġettat għal dik il-vjolazzjoni". Minbarra dan, ir-rikorrenti jgħidu li biex din il-Qorti tasal li ssib li kien hemm ksur tal-jedd tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, jeħtieġ li tkun waslet għall-fehma li kien hemm ksur ukoll tal-artikolu 2 jew 3 (jew it-tnejn flimkien) tal-Konvenzjoni, u li dan jista' jintlaħaq biss jekk kemm-il darba mart u wlied Lawrence Grech jitqiesu attivament leġittimati biex iressqu din il-kawża;

"Illi l-Qorti tagħraf li azzjoni taħt il-Kostituzzjoni dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali trid titħares mil-lenti tal-interess ġuridiku tal-parti li titlob ir-rimedju. Għall-kuntrarju ta' azzjoni popolari (dwar is-siwi ta' xi liġi) taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, azzjoni dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali titlob l-eżistenza ta' dak l-interess ġuridiku fil-persuna li tallega li ġarrbet ksur ta' jedd jew jeddijiet imħarsin fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni. Huwa l-istess interess ġuridiku li jsejjes u li jeħtieġ li jintwera f'kull proċediment ieħor quddiem il-Qrati ta' kompetenza ċivili u jitlob l-istess kejl rigoruż li jintalab **f'kull waqt** ta' proċediment bħal dak sal-għoti tas-sentenza;

"Illi min-naħa l-oħra, azzjoni li tissejjes fuq allegat ksur ta' xi jedd fundamentali taħt il-Konvenzjoni tiġbed fuqha r-regoli maħsuba taħt il-Konvenzjoni nnifisha biex jistabilixxu min jista' jitqies bħala l-"vittma" li jistħoqqilha l-ħarsien u r-rimedju għal ksur bħal dak;"

3. Illi hawnhekk l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata għamlet rassenja kopjuża tal-linji gwida maħruġa mill-Qorti ta' Strasbourg dwar l-elementi meħtieġa biex persuna titqies tajba biex tressaq talba quddiem dik il-Qorti kif ukoll dwar min jista' jikkwalifika bħala "vittma indiretta" għall-finijet ta' proċeduri quddiem l-istess Qorti. Irreferiet ukoll għal xi ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg u kkonkludiet:

> "Illi l-Qorti tqis li r-regoli fuq imsemmija ma jeskludux li, f'ċirkostanzi partikolari, azzjoni waħda dwar ksur ta' jedd fundamentali tista' titressaq kemm mill-'vittma diretta' u kif ukoll minn 'vittma indiretta', sakemm kull wieħed u waħda minnhom tagħraf turi tabilħaqq l-eżistenza ta' interess ġuridiku attwali u dirett biżżejjed biex irieġi dik l-azzjoni;
>
> "Illi meta wieħed iħaddem dawn il-prinċipji għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha, wieħed jasal għall-fehma li l-eċċezzjoni mhijiex tajba. L-argumenti mressqa mill-intimati donnhom jridu jgħidu li fejn il-'vittma diretta' għadha ħajja u tista' tmexxi l-kawża, ma hemmx wisgħa aktar għas-sehem tal-'vittma indiretta' fl-istess proċediment. Jorbtu l-eżistenza tal-jedd tal-'vittma indiretta' mal-każ biss fejn il-'vittma diretta' jkun fiżikament jew legalment "mejjet" u ma jistax iniedi aktar huwa nnifsu proċedura bħal dik. It-tagħlim tal-awturi ma jidhirx li jaqbel ma' din il-proposta.
>
> \- *omissis* -
>
> "Illi fil-fehma meqjusa tal-Qorti, dan kollu jaqbel maċ-ċirkostanzi tal-każ tal-familja rikorrenti u mal-ilmenti speċifiċi li huma jressqu fil-kawża tagħhom. Dan iwassal ukoll biex il-Qorti tilmaħ f'kull wieħed u waħda mir-rikorrenti l-attwalita' ta' interess ġuridiku li jmexxu 'l quddiem l-istess kawża, wkoll jekk dan l-interess mhuwiex għal kollha kemm huma l-istess. Għalhekk, kull wieħed u kull waħda mir-rikorrenti huma attivament leġittimati biex jiftħu u jmexxu din il-kawża;
>
> "Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari mhijiex tajba u mhix sejra tilqagħha;"

**<u>L-appell inċidentali dwar il-leġittimità attiva ta' wħud mir-rikorrenti</u>**

4. L-intimati Tabib Prinċipali tal-Gvern, (Saħħa Pubblika), Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali intavolaw appell inċidentali minn din il-parti tas-sentenza appellata li bih talbu li din il-Qorti tħassar u tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati dwar il-karenza ta' leġittimazzjoni attiva tar-rikorrenti Susan Grech, Alison Grech, Brenda Lee Grech u Jacob Grech bl-ispejjeż fuq l-intimati u minflok din il-Qorti ssib li dawn il-persuni ma setgħux jissoktaw b'dawn il-proċeduri u b'hekk tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati dwar in-nuqqas ta' *locus standi* fil-familjari ta' Lawrence Grech. Ir-rikorrenti ma weġbux għal dan l-appell inċidentali.

5. Il-Qorti hi tal-fehma li hu dan l-appell inċidentali li għandu jiġi indirizzat l-ewwel.

6. L-atturi fetħu din il-kawża biex jitolbu kumpens għal dak li huma jqisu bħala ksur tal-jeddijiet tagħhom mħarsa taħt l-Artt. 33 u 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artt. 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] wara li l-attur Lawrence Grech marad fuq il-post tax-xogħol fit-Tarzna ta' Malta għax kien espost għal ammonti kopjużi ta' *asbestos* mingħajr kontroll effettiv u protezzjoni xierqa.

7. Il-fatti essenzjali ġia` ġew esposti fis-sentenza appellata u ġew riprodotti aktar ’il fuq f’din is-sentenza u għalhekk mhux ser jiġu hawn ripetuti.

8. Wara rassenja kopjuża tad-duttirina u tal-ġurisprudenza tal-Qorti fi Strasbourg l-appellanti inċidentalment jaslu ghall-konklużżjonijiet li ġejjin.

9. Isostnu li bħala preċett ġenerali huma biss il-vittmi diretti tal-allegati infrazzjonijiet jew ir-rappreżentanti legali tagħhom li huma eliġibbli u kapaċi li jmexxu ’l quddiem azzjoni ta’ ridress iżda b’deroga għal din ir-regola ġenerali, taħt ċirkostanzi straordinarji, azzjoni bhal din tista’ ssir minn ħaddieħor li ma jkunx direttament milqut bl-allegata vjolazzjoni, basta li min ikun qed imexxi l-azzjoni jirnexxilu juri li ghandu “a close connection” mal-vittma diretta. Fost l-imsemmija ċirkostanzi strordinarji l-appellanti incidentalment isemmu mewt, assenza, impediment fiżiku jew legali tal-vittma li ġarrbet il-ksur.

10. Jidher li l-appellanti inċidentalment isostnu li r-rikorrenti Susan Grech, mart ir-rikorrent Lawrence Grech, u Alison Grech, Brenda Lee Grech u Jacob Grech, ulied Lawrence u Susan Grech, ma jinkwadrawx la bħala vittmi diretti u anqas bħala vittmi indiretti tal-allegati leżjonijiet tal-Artikoli 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni u tal-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni in kwantu huma ma humiex il-persuni direttament milquta bl-att jew ommissjoni li minnha jilmentaw u anqas jissodisfaw il-kriterji meħtieġa bħala vittmi indiretti.

11. Sabiex ikun jista' jiġi deċiż f'dan l-istadju preliminari jekk ir-rikorrenti għandhomx *locus standi* f'dawn il-proċeduri wieħed irid neċessarjament jistrieħ fuq dak allegat fir-rikors promotorju tal-ġudizzju. Dan ma jfissirx, iżda, li s-sempliċi allegazzjoni tar-rikorrenti hi waħedha biżżejjed. Wieħed irid jara jekk, meta tassumi li l-vjolazzjoni allegata avverat ruħha, huwiex plawżibbli li r-rikorrent hu vestit b'tali *locus standi* u dan fuq il-bażi tal-fatti allegati minnu u dawk miġjuba mill-intimati.

12. Fir-rikors promotorju r-rikorrent Lawrence Grech hu deskritt bħala l-vittma diretta[8] iżda jiżdied li d-dijanjosi tal-kanċer u l-konsegwenzi tiegħu u kif ġie inġustament u illegalment ikkuntrattat mill-istess Lawrence Grech affetwa b'mod negattiv ferm il-kwalità ta' ħajja tar-rikorrenti kollha inkluzi ir-rikorrenti Susan Grech, mart l-imsemmi Lawrence Grech, u uliedhom Alison Grech, Brenda Lee Grech u Jacob Grech li għalhekk għandhom *locus standi* ta' vittmi skont l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni li skont ir-rikorrenti hu applikabbli għall-liġi ta' Malta tramite l-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Jidher għalhekk li, waqt li r-rikorrenti jippretendu li r-rikorrent Lawrence Grech huwa l-vittma diretta tal-leżjonijiet allegati fir-rikors promotorju, jippretendu wkoll li r-rikorrenti l-oħra huma vittmi indiretti peress li, in vista tar-rabta prossima tagħhom mal-vittma diretta, huma ġew affettwati b'mod negattiv ferm fil-kwalità tal-ħajja tagħhom.

[8] #11 tar-rikors promotorju: "Għaldaqstant ir-rikorrenti kollha (għajr Lawrence Grech li hu il-vittma diretta) jissodisfaw il-kriterji sabiex ikollhom locus standi ta' vittmi, u bdan skond Artikolu tlieta u erbgħin (34) tal-Konvenzjoni ..."

13. Għandu jiġi rilevat li fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom quddiem l-ewwel Qorti r-rikorrenti jidhru li, għalkemm b'mod xejn ċar, qiegħdin jagħmlu distinzjoni bejn l-ilment tagħhom taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u l-ilmenti tagħhom taħt l-Artikoli 2 u 3 tal-istess Konvenzjoni. Għar-rigward tal-Artikoli 2 u 3 msemmija r-rikorrenti kjarament isostnu li mart u ulied Lawrence Grech huma vittmi indiretti u għalhekk jidher li qed isostnu li għar-rigward tal-Artikolu 8 huma jinkwadraw bħala vittmi diretti.

14. In vista anki tal-mod kif il-kwistjoni ta' vittma diretta u vittma indiretta ġiet impostata mill-partijiet kollha tal-kawża, l-ewwel Qorti daħlet sabiex tagħmel analiżi approfondita u erudita tal-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg dwar din il-materja fuq l-iskorta tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni li ġie wkoll direttament kjamat in kawża mir-rikorrenti fir-rikors promotorju tagħhom[9]. Il-fatt hu, iżda, li l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni ma hux parti mil-liġijiet ta' Malta peress li ma hux fost l-artikoli tal-liġi li jinsabu riprodotti fl-Ewwel Skeda mal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ma hux parti mil-liġijiet ta' Malta u l-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg dwaru ma tistax, f'dan ir-rigward, tillustra l-pożizzjoni legali f'pajjżna. L-ewwel Qorti qalet sewwa fis-sentenza appellata li "l-azzjoni taħt il-Kostituzzjoni dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali trid titħares mil-lenti tal-interess ġuridiku tal-parti li titlob ir-rimedju". U in vista tal-premess, mill-istess lenti trid titħares ukoll azzjoni taħt l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea li tilmenta minn leżjoni ta' xi

[9] para. 11 tar-rikors promotorju, fol. 3 tal-proċess fl-ewwel istanza

wieħed md-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem miġjuba fl-Ewwel Skeda mal-istess Att.

15. Id-domanda li trid issir, għalhekk, hi jekk mart ir-rikorrent Lawrence Grech u r-rikorrenti uliedu għandhomx interess ġuridiku kif mifhum fl-ordinament ġurdiku tagħna sabiex jipproponu l-azzjoni ta' llum. Ġie kostantement ritenut mill-Qrati tagħna[10] li l-interess irid ikun (a) ġuridiku, fis-sens li d-domanda jrid ikun fiha ipotesi tal-eżistenza ta' dritt u ta' vjolazzjoni tiegħu; (b) dirett fis-sens lil jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha; (c) personali, fis-sens li jirrigwarda lill-atturi, ħlief fil każ tal-azzjoni popolari; (d) attwali, fis-sens li jrid joħroġ minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, u ċioè l-vjolazzjoni attwali tal-liġi trid tikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja għall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur. In sintesi, l-interess ġuridiku jeżisti fejn konvenut jirrifjuta li jirrikonoxxi dritt appartenenti lill-attur.

16. Din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti kollha għandhom l-interess ġuridiku neċessarju bil-kwalitajiet kollha li trid il-liġi sabiex jipproponu l-azzjoni ta' llum għar-rigward tal-ilment fondat fuq l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni in kwantu jirrigwarda l-kwalità tal-ħajja tagħhom. In fatti, Id-dritt sanċit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u invokat mir-rikorrenti huwa dritt mogħti lil kull persuna u r-

[10] Ara, bħala eżempju, Q App. Helen Tabone et v Mike Services Station Ltd. et, 27/3/2015; Q. App. Cecil Pace et v Emanuel A. Bonello pro. et noe., 24/9/2004; P.A. Anna Attard et v Rev. Patri Serafin Abela et, 12/12/2001 u l-ġurisprudenza hemm ċitata, P.A. John Muscat et v Rachelle Buttigieg et., 27/3/1990

rikorrenti jilmentaw li dan ġie leż fil-konfront ta' kull wieħed u waħda minnhom. Id-dritt imsemmi qiegħed jiġi kontestat mill-intimati appellati u r-rikorrenti kollha jilmentaw li qegħdin isofru l-konsegwenzi tal-leżjoni tal-istess dritt; ir-rikorrenti kollha jallegaw li ġew milquta personalment bil-leżjoni tad-dritt invokat; u l-leżjoni li minnha jilmentaw hi waħda attwali.

17. Din il-Qorti ma tarax li jista' jiġi negat li l-istess japplika għall-kumplament tal-ilmenti tar-rikorrenti, kemm fir-rigward tal-aspett tad-dritt għall-informazzjoni dwar perikli marbutin ma' l-asbestos taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kif ukoll għar-rigward tad-drittijiet sanċiti bl-Artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni, salv, naturalment, il-prova tal-leżjoni allegata ta' dawk l-artikoli. Meta jittieħed qies tar-rabta intima familjari bejn ir-rikorrenti kollha u l-impatt ta' dak li allegatament għaddej minnu r-rikorrent Lawrence Grech b'riżultat tal-allegata leżjoni tad-drittijiet imsemmija, kemm materjali kif ukoll morali, fuq martu u uliedu; u meta jittieħed qies ukoll li ġie rriaffermat li fil-każijiet ta' leżjoni tal-Artikoli 2 u 3 u possibilment, fiċ-ċirkostanzi idoneji, tal-Artikolu 8, tal-Konvenzjoni, għandu dejjem ikun possibli bħala rimedju l-ħlas ta' danni mhux pekunjarji; meta jittieħed ukoll in konsiderazzjoni l-impatt ekonomiku fuq id-dħul tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn Lawrence Grech u martu u kif dan jista' jolqot lil uliedhom; din il-Qorti hi tal-fehma li tenut kont tan-natura tal-azzjoni ta' llum u d-drittijiet fondamentali li allegatament ġew leżi u l-konsegwenzi u ramifikazzjonijiet tal-istess leżjonijiet fuq il-membri kollha tal-familja Grech, din il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrenti kollha għandhom l-interess

ġuridiku meħtieġ skont il-liġi sabiex jipproponu l-azzjoni odjerna. Il-Qorti sejra għalhekk tiċħad l-appell inċidentali tal-intimati appellanti inċidentalment.

**Is-sentenza appellata dwar in-nuqqas tar-rikorrenti li jeżawrixxu r-rimedji ordinarji**

18. L-ewwel Qorti, wara li ċaħdet, kif ingħad, l-eċċezzjonijiet preliminari dwar in-nuqqas ta' leġittimità attiva tar-rikorrenti Susan Grech u wliedha Alison, Brenda Lee u Jacob, aħwa Grech, għaddiet sabiex tikkunsidra u tiddeċiedi it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati fis-sens li l-ewwel qorti kellha a tenur tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha peress li r-rikorrenti naqsu li jeżawrixxi r-rimedji ġudizzjarji ordinarji qabel irikorrew għar-rimedju kostituzzjonali. L-ewwel Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni wara li għamlet il konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis l-**eċċezzjoni preliminari li r-rikorrenti ma nqdewx bir-rimedji ordinarji li tagħtihom il-liġi** u li għalhekk hija jmissha tqis jekk għandhiex tħaddem is-setgħat speċjali tagħha biex tisma' din il-kawża;
>
> "Illi l-intimati jsejsu din l-eċċezzjoni tagħhom fuq l-argument li r-rikorrenti ma kellhomx jirrikorru għal din il-proċedura ladarba l-liġi tagħtihom rimedji ġudizzjarji "ordinarji" biex jiksbu dak li sewwasew qegħdin jitolbu f'din il-kawża. Huma jressqu sottomissjonijiet li l-imsemmija azzjonijiet huma aċċessibbli għar-rikorrenti u jagħtuhom rimedju sħiħ u effettiv għall-ilmenti tagħhom. Minbarra dan, iżidu jgħidu li f'każijiet li jixbhu lil dan tal-lum, kienu l-Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali li sabu li r-rimedji "ordinarji" kienu tabilħaqq rimedji effettivi u għażlu li ma jinqdewx bis-setgħat speċjali tagħhom biex iqisu l-każ taħt il-kappa ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali;

"Illi, min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti jisħqu li din l-azzjoni tagħhom saret sew, saret f'waqtha u ma kellhom l-ebda għażla oħra ħlief li jressqu l-kawża li ressqu. Għalkemm huma jifhmu li r-rimedju ewlieni mitlub huwa dak tal-likwidazzjoni tal-kumpens, jibqa' l-fatt li l-ilment tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom imur lil hinn minn sempliċi kwantifikazzjoni tad-dannu bħalma jsir f'kawża "*traffic-accident style*". Minbarra dan, iżidu jgħidu li f'azzjoni "ordinarja" għad-danni, l-liġi tagħtihom biss kumpens ta' danni rejali u mhux ukoll danni morali. Huwa biss f'kawża bħal din li fetħu llum li l-ilment tagħhom jaf jindirizza l-ħtieġa ta' stħarriġ sħiħ dwar il-kawżi li wasslu lir-rikorrent Lawrence Grech jintlaqat mill-marda li ħakmitu, jew dwar il-politika mħaddma mill-awtoritajiet dwar il-ħsara li jġib l-*asbestos* lill-ħaddiema li waqt xogħolhom ikunu esposti għalih bla lbies jew tagħmir li jħarishom milli jibilgħu l-għabra tiegħu f'imnifsejhom. Daqstant ieħor, jgħidu, huwa biss fi proċedura bħal din tal-lum li wieħed jista' jingħata rimedju għad-dritt li jkun mgħarraf mill-awtoritajiet tal-Istat dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa ta' dak li jkun u kif jista' jintebaħ malajr kemm jista' jkun ħalli jew jevita jew idewwi lilu nnifsu f'każ li jkun espona ruħu għal mard li ma jitfejjaqx. Dawn ir-rimedji ma jingħatawx f'azzjonijiet "ordinarji" għad-danni mġarrba mill-ħtija akwiljana jew ħtija kontrattwali;

"Illi l-ewwel kunsiderazzjonijiet li din il-Qorti trid tagħmel fid-dawl tal-argumenti mressqa mill-partijiet, jitolbu li l-Qorti tqisha fid-dawl tal-istadju bikri li fih għadu jinsab il-każ imressaq quddiemha. Il-Qorti tagħraf li l-għadd ta' drabi li din l-eċċezzjoni qiegħda titqajjem kiber mal-għadd ta' kawżi dwar ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali li qegħdin ta' kuljum jitressqu quddiem din il-Qorti. Dan jidher ukoll, b'mod partikolari, fejn il-parti rikorrenti tressaq ilment li, x'aktarx, ikun ilu jinħema żmien twil, u fejn sata' ittieħed rimedju li xi liġi tkun tagħti iżda li jkun għalaq iż-żmien statutorju biex jintalab dak ir-rimedju;

"Illi l-Qorti tħoss li huwa tajjeb li ttenni li l-ilmenti tar-rikorrent jinbnew fuq l-allegat ksur ta' tliet jeddijiet fundamentali. Mas-sejbien tal-ksur ta' dawk il-jeddijiet, ir-rikorrenti jitolbu r-rimedju waħdieni tal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' kumpens xieraq fi flus. L-istess ukoll jintalab dwar il-fatt li r-rikorrent Lawrence Grech kellu jħalli x-xogħol qabel il-waqt minħabba l-marda li laqtitu;

"Illi l-intimati jsejsu l-eċċezzjoni tagħhom fuq il-fatt li r-rikorrenti baqgħu ma fetħu qatt kawża quddiem il-qrati ta' kompetenza ċivili. Din is-sottomissjoni kienet konfermata mill-għaref difensur tar-rikorrenti waqt is-smigħ tal-31 ta' Ottubru, 2013. Huma jgħidu li azzjoni bħal dik kienet tagħti lir-rikorrenti rimedju xieraq u effettiv jekk tassew riedu jingħataw rimedju għall-ilmenti kollha tagħhom;

"Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[11]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

"Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[12] lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[13];

"Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[14]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, għaliex ikun biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod

[11] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)
[12] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[13] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[14] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

prattiku, effettiv u effikaċi[15]. Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fundamentali li diġa' seħħ jew li x'aktarx iseħħ[16];

"Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan il-każ, kienu l-intimati li qajmu l-eċċezzjoni li r-rikorrenti naqsu li jinqdew b'rimedji oħra li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, u huwa għalhekk dmir tagħhom li juru li r-rikorrenti tassew kellhom dawk ir-rimedji u li naqsu li jinqdew bihom;

- omissis –

"Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[17]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[18];

"Illi huwa mgħallem ukoll li "*it is not only judicial remedies which must be sought, but every remedy under national law which may lead to a decision that is binding on the authorities, including the possibility of appeal to administrative bodies, provided that the remedy concerned is adequate and effective*"[19];

"Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-

---

[15] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[16] Kost. **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brincat et vs Policy Manager ta' Malta Shipyards et***
[17] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[18] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)
[19] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit*, § 2.2.10.3 f'paġ. 133

ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali meżżi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' meżżi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija meżżi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[20]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[21]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[22];

"Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[23];

"Illi fil-qasam tal-istħarriġ tal-eżistenza ta' rimedji oħrajn xierqa, jinsab stabilit li "*With respect to the way in which and the time-limits within which proceedings must be instituted, national law is decisive. If in his appeal to a national court an applicant has failed to observe the procedural requirements*

---

[20] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[21] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

[22] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

[23] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***

*or the time-limits, and his case has accordingly been rejected, the local remedies rule has not been complied with. ... The interpretation and application of the relevant provisions of national law in principle belong to the competence of the national authorities concerned*"[24]. Dak li jingħad dwar it-teħid tar-rimedji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma wieħed jista' jmexxi każ quddiem il-Qorti ta' Strasbourg[25] jidher li jista', fil-qafas ġenerali, jgħodd ukoll għall-kwestjoni tat-teħid tar-rimedji "ordinarji" qabel ma wieħed jmexxi 'l quddiem bil-proċedura speċjali tal-ilment dwar ksur ta' jedd fondamentali quddiem il-Qrati nazzjonali;

"Illi fil-każ li għandna quddiemna, l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed ta' allegat ksur "kostituzzjonali", maħsub biex jikkumpensahom finanzjarjament għall-ħsara li ġarrbu u li huma jgħidu li ma tistax titreġġa' lura. L-azzjoni mhix qegħda titlob it-tħassir ta' xi liġi jew ta' xi provvediment b'saħħa ta' liġi;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal biex tqis li l-argument tal-intimati huwa wieħed tajjeb u jsostni din l-eċċezzjoni preliminari tagħhom. B'żieda ma' dan, il-Qorti taqbel magħhom ukoll li f'kawżi oħrajn imressqa qabel din tal-lum u li kienu jirrigwardaw l-istess ilment u talbiet jixxiebħu, il-Qrati għażlu li ma jwettqux is-setgħat "kostituzzjonali" jew "konvenzjonali" tagħhom minħabba li kien hemm rimedji ordinarji li r-rikorrenti setgħu jinqdew bihom. Il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn toqgħod tiċċita fit-tul mill-imsemmija sentenzi, u jidhrilha li jkun biżżejjed li tagħti riferenza ta' sentenza waħda li kienet tittratta l-istess eċċezzjoni preliminari f'ċirkostanzi li jixxiebhu ħafna ma' dawk tal-każ tal-lum[26]. Dak li jolqot lill-Qorti hu x-xebh qawwi li wieħed isib bejn il-mod kif inhu mfassal ir-rikors promotur f'din il-kawża u kif tfassal ir-rikors promotur fl-imsemmija kawża. Jidher li l-biċċa l-kbira mill-premessi u mit-talbiet tar-rikors fil-kawża tal-lum ittieħdu kelma b'kelma u fl-istess sekwenza tar-rikors promotur fil-kawża l-oħra, u dan żgur kien fi żmien meta min fassal ir-rikors fil-kawża tal-lum ma setax ma kienx jaf bl-eżitu tal-kawża l-oħra li xorob minnha. Din il-Qorti, filwaqt li tagħraf li kull każ għandu l-fattispeċi tiegħu, ma tistax twarrab il-ħtieġa ta' ċerta bixra ta' konsistenza fid-deċiżjonijiet tal-Qrati meta l-punt imqajjem ikun l-istess u jekk ma jkunx hemm raġunijiet tassew gravi u impellenti li jiddettaw li d-deċiżjoni tkun waħda differenti;

[24] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit*, § 2.2.10.3, f'paġ. 134
[25] Ara art. 35(1) tal-Konvenzjoni
[26] Kost. **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager fil-Malta Shipyards et*** fost l-oħrajn

> “Illi, wara li l-Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, hija tasal għall-fehma li l-intimati tawha raġunijiet tajba biżżejjed biex tilqa’ l-istedina tagħhom li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tisma’ l-każ imressaq quddiemha mir-rikorrent, u dan għar-raġuni li r-rikorrent kellu rimedji oħrajn tajba dwar l-ilment tiegħu.
>
> “Għalhekk, il-Qorti sejra tilqa’ l-eċċezzjoni preliminari;”

## L-appell prinċipali tal-intimati mis-sentenza appellata

19. Minn din il-parti tas-sentenza appellata appellaw in linea prinċipali ir-rikorrenti b’rikors tal-5 ta’ Mejju 2014 u l-konvenuti wieġbu fil-15 ta’ Mejju 2014.

20. L-argumenti tal-appellanti essenzjalment huma (i) illi hemm drittijiet – fosthom dawk li jitnisslu mill-obbligi positivi tal-istat taħt l-Art. 2 u 3 tal-Konvenzjoni – illi rimedju għalihom jista’ jingħata biss f’azzjoni kostituzzjonali, u (ii) illi l-jedd għar-rimedju tad-danni non-pekunjarji jew morali ma huwiex magħruf fid-dritt ċivili iżda huwa magħruf fid-dritt kostituzzjonali u għalhekk dan ir-rimedju jista’ jingħata biss f’azzjoni kostituzzjonali. Ma huwiex minnu għalhekk, igħidu l-appellanti, illi huma għandhom jew kellhom rimedju tajjeb u biżżejjed taħt il-liġi ordinarja. Komplew fissru l-aggravju hekk:

> “L-esponenti jixtiequ jippruvaw:
>
> “● Illi l-kawża odjerna hi msejsa fuq il-qafas speċjali naxxenti mill-kostituzzjoni li jeżisti bejn l-istat u ċ-ċittadin privat li hu differenti minn dak eżistenti bejn żewġ ċittadini privati: L-istat għandhu ċertu obbligi speċjali lejn iċ-ċittadin, liema obbligi huma

naxxenti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u mhux mil-liġi hekk imsejħa ordinarja;

“● Illi d-danni li wieħed jista’ jottjeni taħt il-liġi ċivili ordinarja huma biss id-danni reali (*lucrum cessans* u *damnum emergens*) naxxenti mil-liġi ordinarja;

“● Taħt ir-regoli tal-Konvenzjoni Europea, vittma li sofriet danni kawża ta’ nuqqas tal-istat li josserva l-obbligazzjoni li jħares id-dritt għall-ħajja għandha dritt fondamentali għar-riżarċiment tad-danni morali wkoll, ħaġa li mhix possibbli f’azzjoni normali taħt il-Kodiċi Ċivili.

“● F’kull każ ta’ negliġenza tal-istat jew ta’ uffiċjali tal-istat, li tikkawża mewt jew dannu gravi lill-individwu, ir-rimedju jikkonsisti mhux biss f’danni morali, imma anke, fil-każi opportuni, fi proċeduri kriminali kontra min kien responsabbli. Dan ir-rimedju jeżisti biss f’azzjoni kostituzzjonali u mhux f’azzjoni ċivili;

“● In-nuqqas ta’ possibiltà ta’ kumpens sħiħ ta’ vittma tal-ksur tal-art. 2 jew 3 li jinkludu l-ħlas ta’ danni morali u drittijiet oħra iwassal ukoll għall-ksur separat tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni - in-nuqqas ta’ rimedju effettiv fis-sistema domestiku;

“● Bl-istess mod, huwa biss possibbli li tottjeni rikonoxximent tal-ksur ta’ ċerti drittijiet oħra taħt il-Konvenzjoni f’azzjoni kostituzzjonali u mhux f’azzjoni ċivili. Dawn id-drittijiet, mhux azzjonabbli taħt il-Kodiċi Ċivili, huma:

“(a) id-dritt għal investigazzjoni sħiħa għal kull mewt jew ħsara gravi lill-persuna f’ċirkostanzi li jidħlu taħt l-artikoli 2 u 3 tal-Konvenzzjoni;

“(b) id-dritt li tkun informat mill-istat ta’ ċirkostanzi li jipperikolaw il-ħajja tal-individwu. Dawn iż-żewġ drittijiet huma azzjonabbli biss taħt il-Konvenzjoni u taħt il-Kostituzzjoni u qatt taħt il-Kodiċi Ċivili; u

“(ċ) id-dritt tal-prosekuzzjoni kriminali kontra min kien responsabbli. Dawn id-drittjiet ma jitwildux mill-Kodiċi Ċivili, imma mid-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali.

“L-att promutur tal-kawża odjerna jelenka serje ta’ fatti, li, huwa konċess, huma kwantifikabbli u riżarċibbli taħt il-liġi ċivili dwar delitti u kważi delitti peress li jistgħu jitqiesu bħala *damnum emergens*. Dan aktar u aktar fix-xebħ li hemm fit-talba għad-*damnum emergens* u *lucrum cessans* naxxenti mill-fatt li Lawrence Grech kellu jirtira mix-xogħol qabel iż-żmien.

“Id-differenza maġġuri, bejn każ li jinkwadra ruħu fil-liġi ordinarja tad-danni – traffic style accident - u f’dan il-każ hu li l-istat f’dan il-każ ma onorax l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni għaliex naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevolment mistennija minnu biex jissalvagwardja l-ħajja u l-integrità psiko-fiżika ta’ Lawrence Grech.

"Fil-każ odjern, jidher li l-istat abdika kompletament mill-obbligi li kkuntratta permezz tal-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni. Hu fatt rikonoxxut li aktar minn sebgħin sena ilu l-effett tal-*asbestos* fuq saħħet il-bniedem kienet magħrufa [*sic*] fuq livell mediku u li t-tarzna almenu bejn is-snin 1959 u 1995 ma ħadet ebda miżuri sabiex tipproteġi l-impjegati tagħha mill-perikolu tal-*asbestos*.

"... ... ...

"Ukoll il-Qorti Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani eżaminat dan il-kunċett ta' 'kopertura'. Fil-każ Öneryildiz *v.* Turkija, b'refereza għall-prinċipju enunċjat fil-każ Osman, il-*Grand Chamber* sostn illi jekk ikun stabilit li l-awtoritajiet kienu jew kellhom ikunu jafu, fiż-żmien tas-sussistenza tal-perikolu, ta' riskju tal-ħajja ta' individwu jew individwi, huma għandhom obbligazzjoni positiva taħt l-art. 2 tal-Konvenzjoni li jieħdu l-miżuri protettivi neċessarji. Fost dawn il-miżuri protettivi enfasi partikolari għandha titpoġġa fuq id-dritt tal-pubbliku li jkun mgħarraf u dan skond il-każistika tal-istituzzjonijiet tal-Konvenzjoni.

"Dan l-obbligu indisputament [*sic*] japplika fil-kuntest partikolari ta' attivitajiet perikolużi, fejn, addizzjonalment, enfasi speċjali għandha titpoġġa fuq regolamenti mmirati lejn l-attività in kwistjoni, partikolarment fir-rigward tal-livell ta' riskju potenzjali tal-ħajja umana. L-awtoritajiet għandhom jiggovernaw l-għotien ta' liċenzji, *set-up*, operazzjoni, sigurtà u superviżjoni tal-attività, u għandhom jirrendu obbligatorja għal dawk kollha konċernati li jieħdu miżuri pratiċi sabiex jiżguraw il-protezzjoni effettiva taċ-ċittadini li l-ħajja tagħhom tista' tkun ipperikolata bir-riskji inerenti.

"... ... ...

"... ... ... b'kawża ta' danni taħt il-liġi ordinarja dak kollu li jista' jkollhom prospett li jiksbu l-appellanti huwa biss id-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans*, mentri l-atti mwettqa kontra tagħhom huma ferm aktar profondi minn hekk, għaliex jinkombu fuq id-drittijiet fundamentali tagħhom. Jekk jingħad li d-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans* huma rimedju sodisfiċenti f'dan il-każ ikun qed jingħad li l-gvern jista' jagħżel li jħaddan jew ma jħaddanx fl-operat tiegħu t-tutela tad-drittijiet umani, basta però jkollu il-mezzi sabiex jonora l-obbligi tiegħu taħt id-dritt ċivili privat u jħallas id-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans*. Tali konklużjoni għandha implikazzjonijiet enormi, mhux biss minħabba l-kwistjoni tad-danni morali:

> ""130. The Court reiterates that, in the case of a breach of Articles 2 or 3 of the Convention, compensation for the pecuniary and non-pecuniary damage flowing from the breach should in principle be available as part of the range of redress … … … However, in cases of wilful ill-treatment the violation of Articles 2 or 3 cannot be remedied exclusively through an award of compensation to the victim. This is so because, if the authorities could confine their reaction to incidents of wilful ill-treatment by state agents to the mere payment of compensation, while not doing enough to prosecute and punish those responsible, it would be possible in some cases for agents of the state to abuse the rights of those within their control with virtual impunity,

> and the general legal prohibition of torture and inhuman and degrading treatment, despite its fundamental importance, would be ineffective in practice … … … It follows from the above that an effective investigation is required, in addition to adequate compensation, to provide sufficient redress to an applicant complaining of ill-treatment by State agents."

"Il-forum adatt ġie identifikat bħala l-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u mhux il-Qorti Ċivili għal diversi raġunijiet iżda prinċipalment għaliex id-dannu kawżat lill-applikanti sar kawża ta' ksur tad-drittijiet tagħhom taħt il-Konvenzjoni u taħt il-Kostituzzjoni u dan peress li l-gvern naqas li jipprovdi kopertura totali lill-appellanti kontra l-aġir ta' terzi (li għalihom l-istat hu responsabbli) tenut kont ukoll li t-tarzna fil-fatt qatt ma kienet realment awtonoma mill-gvern.

"F'każijiet fejn entitajiet governattivi jitfittxu ċivilment għad-danni, dan isir f'kuntest fejn, minkejja qafas legali operattiv u ġudizzjarju effettiv, il-funzjonarji tiegħu jikkawżaw dannu liċ-ċittadin, b'konsegwenza li l-funzjonarju ma jistax jitfittex fil-kapaċità individwali tiegħu, l-azzjoni titmexxa kontra l-gvern però dejjem taħt il-kappa tad-dritt privat għaliex fil-fatt l-obbligi tal-gvem taħt id-dritt kostituzzjonali jkunu ġew onorati f'dak il-każ. Mhux l-istess japplika fil-każ odjern għaliex l-appellanti qed isostnu li l-intimati ma ipprovdewx dik il-kopertura totali li titlob il-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni.

"Din tal-aħħar hi waħda miż-żewġ kwistjonijiet ewlenin li trid teżamina din l-onorabbli qorti. It-tieni kwistjoni ewlenija hija dwar id-danni, liema kwistjoni tissudividi ruħha fi-tnejn: (1) danni bħala penali għall-ksur tal-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni; (2) danni bħala kumpens għad-danni non-pekunjarji li jidher li mhumiex normalment kontemplati mil-liġi.

"... ... ...

"Huwa minnu li diversi sistemi domestiċi ta' pajjiżi oħra itħallew fil-libertà dwar jekk jakkordawx danni morali, però dan il-prinċipju ma japplikax f'każijiet fejn jiġi allegat leżjoni tal-Art. 2 jew 3 tal-Konvenzjoni. Jekk il-qrati nostrani ma jistgħux jew ġeneralment ma jakkordawx danni morali fil-każ ta' dawn iż-żewġ drittijiet, dan jista' addizzjonalment iwassal il-Qorti Ewropea għall-konklużjoni li l-appellanti huma, anke f'każ li jingħataw danni 'reali', xorta waħda vittmi tal-vjolazzjoni taħt l-art. 2 u 3.

"... ... ...

"Jekk is-sistema domestika legali ma toffrix il-vittmi rimedju adegwat għal leżjoni ta' dritt fondamentali taħt il-Konvenzjoni (eż. Ma jingħatawx danni morali għal vjolazzjonijiet tal-artikolu 2 u 3) l-istat kontraenti huwa responsabbli ta' vjolazzjonali addizzjonali taħt l-art. 13 - li tirrendi vjolazzjoni tal-konvenzjoni li pajjiż kontraenti ma jkollux in operazzjoni rimedji adegwati għal vjolazzjonijiet ta' drittijiet fondamentali."

21. Dwar id-dritt pretiż mill-appellanti għall-investigazzjoni dwar il-ħsara gravi li allegatament ġarrab ir-rikorrent Lawrence Grech jew li jittieħdu proċeduri penali il-Qorti tirrileva li l-Kodiċi Kriminali jagħti s-setgħa lill-vittma illi, fil-każijiet idoneji, jiddenunzja l-fatt lil Maġistrat għal finijiet tal-indaġini meħtieġa u li jitlob illi l-awtoritajiet ikunu mġiegħla jibdew proċeduri penali kontra l-ħatja. Ghalhekk f'kaz li kien hemm htiega ta' xi investigazzjoni jew proceduri kriminali l-ligi ordinarja gia` tipprovdi ghalihom.

22. Dwar, imbagħad, ir-rimedju ċivili, din il-qorti ma taqbilx illi ksur ta' jeddijiet fundamentali ma jistax isib rimedju fid-dritt privat, bħallikieku hemm dikotomija inkolmabbli bejn id-dritt kostituzzjonali u d-dritt privat. Ksur ta' dritt fundamentali huwa minnu nnifsu att illeċitu u għalhekk delitt ċivili, bil-konsegwenzi kollha – fosthom it-tnissil ta' jedd għal risarċiment u għal danni – li dan iġib miegħu. Il-fatt li serqa ċċaħħad lis-sid mit-tgawdija ta' ħwejġu – jedd fondamentali – ma jfissirx illi biex jieħu rimedju s-sid irid bilfors ifittex fil-qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali.

23. L-appellanti stess jistqarru u "jikkonċedu", illi l-kawża tallum hija msejsa fuq "serje ta' fatti li … … … huma kwantifikabbli u riżarċibbli taħt il-liġi ċivili dwar delitti u kważi delitti peress li jistgħu jitqiesu bħala *damnum emergens*".

24. Dan iwassalna għall-kwistjoni ewlenija fil-każ tallum, li hija din: ladarba fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum jista' jkun hemm jedd għad-danni morali, azzjoni ordinarja

quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' twassal biex jingħata rimedju tajjeb u biżżejjed?

25. Tassew illi bi ftit eċċezzjonijiet il-ġurisprudenza ta' dawn il-qrati hija kostantement fis-sens li l-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili ma jagħtux danni morali. Ġie ritenut li hu hekk fuq l-iskorta tal-Art. 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jelenka bi preċiżjoni d-diversi xorta ta' ħsara li għandha twieġeb għalihom il-persuna responsabbli u li fosthom ma tinkwadrax il-ħsara morali jew non-pekunjarja. Il-lokuzzjoni preċiża tad-dispożizzjoni msemmija ma tippermettix interpretazzjoni xort'oħra, anqas minn din il-Qorti. Dan ifisser li hu biss b'intervent leġislattiv li dik id-dispożizzjoni tista' tiġi riformulata, jekk ikun il-każ, sabiex tippermentti lill-qrati ta' kompetenza ċivili sabiex fil-każijiet idoneji jikkundannaw ukoll għall-ħlas ta' danni morali jew mhux pekunjarji.

26. L-ewwel qorti effettivament kienet korretta meta qalet illi l-atturi ma nqdewx bir-rimedji illi tagħti l-liġi ordinarja u li ġew meqjusa li kienu tajbin u biżżejjed anki minn din il-Qorti li f'diversi kawżi b'ċirkostanzi analoġi għal dawk tal-lum ikkonfermat sentenzi tal-qorti ta' prim' istanza li permezz tagħhom il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeklinat milli teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha. Il-qrati kostituzzjonali ta' pajjiżna dan għamluh fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Qorti fi Strasburgu fl-ismijiet **Zavoloka v. Latvia**[27] li fiha dik il-qorti, wara li rribadiet li vjolazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni kien fil-prinċipju jesiġi il-possibilità tal-ħlas

[27] QDDB 7/7/2009

ta' danni morali[28], ikkonkludiet li, tenut kont tad-diversità kbira ta' kif il-materja ta' kumpens f'każ ta' mewt hi regolata fl-ordinamenti ġuridiċi differenti tal-iStati kontraenti, ma setgħetx tinferixxi obbligazzjoni assoluta u ġenerali li jingħata kumpens pekunjarju għal dannu morali bħal dak f'dak il-każ[29].

27. Ilum, iżda, din il-Qorti ma tistax ma tieħux kont tas-sentenza riċenti **Brincat and others v. Malta**[30] li permezz tagħha l-Qorti fi Strasburgu tat interpretazzjoni aktar ristretta minn dik li tat din il-Qorti lis-sentenza fi Zavoloka[31] filwaqt li tat tifsira aktar wiesa' tal-portata tar-rimedju *"pekunjarju"* mitlub fil-proċeduri f'Malta f'dak il-każ[32], bħal ma hu mitlub ukoll f'dan il-każ. Fl-istess waqt ġie rriaffermat li fil-każijiet ta' leżjoni tal-Artikoli 2 u 3 u possibilment, fiċ-ċirkostanzi idoneji, tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, għandu dejjem ikun possibli bħala rimedju l-ħlas ta' danni mhux pekunjarji.

28. Apparti l-kunsiderazzjonijiet l-oħra li ġia saru fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **George Spiteri v. Policy Manager tal-Malta Shipyards et**[33], tenut kont tal-konkluzjonijiet raġġunti fis-sentenza msemmija ta' **Brincat and Others v. Malta** din il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi kif issa żviluppaw ma hux aktar desiderabbli li l-qrati kostituzzjonali jirrifjutaw li jeżerċitaw is-setgħat tagħhom kif previst fl-Artikoli

---

[28] *ibid* #35(c)
[29] *ibid* #40
[30] QDDB 24/7/2014
[31] *op. cit. ibid* # 67
[32] *ibid* # 70
[33] 27/5/2015

46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta minkejja r-rimedji li indubbjament kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom ir-rikorrenti appellanti.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell inċidentali tal-intimati li appellaw inċidentallment, tilqa' l-appell tar-rikorrenti, u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati taħt l-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* Art. 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok tiċħad l-istess eċċezzjonijiet, tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija u tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

L-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom ikunu a karigu tal-intimati li appellaw inċidentalment waqt li dawk tal-appell prinċipali tar-rikorrenti appellanti fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet. L-ispejjeż kollha tal-ewwel istanza jkunu a karigu tal-intimati solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------